LIVELL PROFESSJONALI FIL-KITBA BIL-MALTI

# Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti 2011-2012



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
kunsilltalmalti@gov.mt

L-Università ta' Malta
provi-malti.arts@um.edu.mt

# Fiex se jkun jikkonsisti dan il-kors

Dan il-kors inbena madwar il-ħtiġijiet tal-qarrej tal-provi u fih l-ingredjenti kollha li jkun jeħtieġ biex jagħmel xogħlu b'mod professjonali. Fost dawn insibu:

- taħriġ prattiku intensiv fil-kitba tajba tal-Malti u eżerċizzji ta' korrezzjoni
- studju tal-ħsejjes tal-Malti u r-rappreżentazzjoni tagħhom
- studju tal-forom tal-kliem Malti li jservu bħala mudelli għall-kitba korretta
- sfond storiku dwar id-diffikultajiet tal-kitba li kienu u għadhom jeżistu
- il-prinċipji lingwistiċi li fuqhom tinbena l-ortografija tal-Malti
- tagħrif siewi dwar il-preżentazzjoni u d-disinn ta' ktieb
- diskussjoni tal-problemi ortografiċi li l-iżvilupp mgħaġġel tal-Malti qiegħed jippreżenta
- tagħrif u taħriġ prattiku fil-laboratorju marbut mal-korrezzjoni tal-Malti bil-kompjuter
- proġett imdaqqas li fih l-istudenti juru ħilithom fil-qari tal-provi billi mhux biss jikkoreġu imma jargumentaw favur l-għażliet tagħhom



**Maria Cynthia Bonello**
studenta tal-kors 2009-2010

"Minkejja li fil-professjoni tiegħi jintuża aktar l-Ingliż, minn dejjem fittixt li nikteb b'Malti tajjeb u għalhekk ħassejt il-bżonn li nissaħħaħ f'din il-ħila. F'atmosfera ta' diskussjoni u ħbiberija, il-kors mhux biss għenni niċċara diversi dubji, imma skoprejt ukoll modi ġodda kif nikteb Malti tajjeb mingħajr tfixkil. Fuq kollox, dan il-kors kompla jikxifli l-ġmiel ta' lsien art twelidi u għallimni ngħożżu aktar."

# Il-Programm ta' Studju

168 SIEGĦA TA' TAGĦLIM DIRETT

## Taqsimiet-Studju (Frar 2011 – Ġunju 2011)

| | | |
|---|---|---|
| MAL1030 | Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 1 | (4 kretti) |
| MAL1032 | Elementi tal-Fonoloġija tal-Malti | (4 kretti) |
| MAL1040 | Elementi tal-Morfoloġija tal-Malti | (4 kretti) |

## Taqsimiet-Studju (Ottubru 2011 – Jannar 2012)

| | | |
|---|---|---|
| MAL1031 | Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 2 | (6 kretti) |
| MAL1046 | Elementi Sintattiċi u l-Punteġġjatura | (2 kretti) |
| MAL1047 | Aspetti Tekniċi fil-Preżentazzjoni tal-Ktieb | (2 kretti) |
| MAL1048 | L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi | (2 kretti) |
| MAL1049 | Proġett Prattiku fil-Qari tal-Provi | (6 kretti) |

Ara wkoll www.um.edu.mt/arts/overview/UCPRMPTE-2010-1-F



MAL 1030

## Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 1

**Il-Kitba t-Tajba tal-Malti**

L-għan ewlieni ta' din it-taqsima-studju huwa li jqiegħed fl-istudenti bażi soda tar-regoli ortografiċi uffiċjali ta' lsienna. Tgħinhom jitkissru fir-regoli tal-kitba u b'hekk jiksbu l-parametri li bihom ikunu jistgħu mhux biss jiktbu b'Malti tajjeb imma wkoll jikkoreġu mingħajr eżitazzjoni l-iżbalji ortografiċi fil-kuntesti kollha li jiltaqgħu magħhom.

It-taqsima-studju tiffoka fuq it-tifsir u l-applikazzjoni tar-regoli ewlenin tal-ortografija kif jinsabu miġburin fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924), fiż-*Żieda* (1984), fl-*Aġġornament* (1992) u fid-*Deċiżjonijiet 1* (2008). Tiżdied ma' dawn kull bidla uffiċjali li tkun saret fihom mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

**Il-Prinċipji tal-Ortografija Maltija**

Is-sistema ortografika tal-Malti hija kompromess bejn għadd ta' prinċipji li jinbnew fuq xulxin skont ġerarkija stabbilita. Waqt li żżomm kemm jista' jkun qrib lejn il-ħoss imlissen, tipprova ma tinjorax ir-realtà fonoloġika u l-istrutturi morfoloġiċi tal-lingwa. Din it-taqsima tal-kors tlaqqa' l-istudenti mal-prinċipji ewlenin li fuqhom tinbena s-sistema ortografika tal-Malti u tiddiskuti l-ġerarkija li fiha jiġu applikati. L-osservazzjoni ta' dan il-bilanċ tgħin lill-istudenti jieħdu deċiżjonijiet konxji, maturi u mirfuda mit-tradizzjoni meta jiġu biex jagħżlu bejn kitba u oħra.

MAL 1031

## Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 2

Din it-taqsima-studju tibni fuq dak li jkun inkiseb f'MAL1030. Matulha l-istudenti jkomplu jitħarrġu fl-applikazzjoni tar-regoli tal-ortografija uffiċjali, imma hawnhekk il-punt tat-tluq ikun iktar mit-test innifsu u ssir referenza għar-regoli hi u ssir il-korrezzjoni tiegħu. F'din it-taqsima-studju tintalab rigorożità dejjem ikbar fil-kwalità u fir-ritmu tax-xogħol, biex ikun żgurat livell għoli ta' ħila u professjonalità fl-applikazzjoni pronta tar-regoli u l-ikbar eżattezza u konsistenza possibbli fil-korrezzjoni.

Lejn tmiemha l-istudenti jiffaċċjaw għadd ta' problemi attwali fil-kitba tal-Malti u jiġu megħjuna jiddiskutuhom u jsolvuhom b'raġunar lingwistiku sod. Fost dawn il-problemi hemm xi inkongruwenzi tas-sistema attwali, l-għadd kbir ta' varjanti tal-kitba u l-integrazzjoni ortografika tal-kliem ta' nisel barrani.

MAL 1032

## Elementi tal-Fonoloġija tal-Malti

**Il-Fonoloġija tal-Malti Standard**

Din it-taqsima-studju tagħti lill-istudenti l-bażi teoretika meħtieġa għall-analiżi

tal-alfabett u tas-sistema ortografika. Fiha ssir id-deskrizzjoni sinkronika tal-fonoloġija tal-Malti Standard li tgħin l-istudenti jirrealizzaw il-qrubija u d-distanza vera li hemm bejn il-kelma Maltija u r-rappreżentazzjoni ortografika tagħha.

**Riflessi Storiċi fil-Fonoloġija tal-Malti**
F'din it-taqsima tal-kors isiru osservazzjonijiet dijakroniċi li jkunu meħtieġa biex idawlu s-sitwazzjoni attwali. Jiġu diskussi l-problemi li joħorġu mill-fatt li l-Malti, ilsien ta' nisel Għarbi, beda jinkiteb b'alfabett Latin, u s-soluzzjonijiet li tressqu għal dawn il-problemi. L-istudenti jiġu esposti għal firxa ta' sistemi bikrin tal-kitba bil-Malti li wasslu għas-sistema ortografika tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924. Isiru wkoll referenzi għall-fonoloġija tad-djaletti Maltin kull fejn din tvarja mill-fonoloġija tal-Malti Standard.

## MAL 1040
## Elementi tal-Morfoloġija tal-Malti

Is-sistema ortografika tal-Malti tistrieħ l-aktar fuq il-morfoloġija kumplessa tiegħu, l-aktar fil-parti Għarbija. Din it-taqsima-studju hi maħsuba biex issaħħaħ fl-istudent il-qafas tal-morfoloġija Maltija u tagħmlu iktar konxju mill-mudelli strutturali li jgħinuh jasal għall-kitba korretta. Għalkemm fil-qofol tagħha tikkonsisti f'deskrizzjoni sinkronika tal-morfoloġija, matulha jsiru wkoll osservazzjonijiet dijakroniċi kull fejn dawn jistgħu jgħinu biex idawlu s-sitwazzjoni attwali.

## MAL 1046
## Elementi Sintattiċi u l-Punteġġjatura

Din it-taqsima-studju tgħin lill-qarrej tal-provi jifhem aħjar l-użu tas-simboli differenti għall-punteġġjatura tat-testi. It-taqsima-studju tesplora u tispjega r-relazzjoni bejn l-użu ta' dawn is-simboli u l-istruttura sintattika tas-sentenza u l-frażi fil-Malti, u tikkuntrastahom ma' fatturi oħra li għandhom effett fuq il-punteġġjatura, bħalma huma l-istilistika u s-semantika. Is-sistema tal-Malti titqabbel ma' dik ta' lingwi oħra, partikolarment ma' tal-Ingliż, li ħafna drabi tintuża bħala mudell għall-użu.

## MAL 1047
## Aspetti Tekniċi fil-Preżentazzjoni tal-Ktieb

F'Malta l-qarrej tal-provi spiss jintalab biex, wara li jkun ikkoreġa l-provi, iwassal il-ktieb sal-pubblikazzjoni tiegħu. Din it-taqsima-studju hi maħsuba biex tintroduċi l-istudenti għal dawk il-prinċipji u d-dettalji kollha li permezz tagħhom ikunu jistgħu jaslu għal ktieb li jkun jirrispetta l-konvenzjoni tal-pubblikazzjoni, kemm fl-elementi estetiċi kif ukoll fl-elementi tekniċi, bħalma huma s-sinjali tal-korrezzjoni tal-provi, it-tqassim fiżiku tal-ktieb u l-preżentazzjoni grafika.

## MAL 1048
## L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi

Illum il-ġurnata l-qarrej tal-provi x'aktarx jirċievi t-test oriġinali f'format elettroniku u jintalab jikkoreġih bl-istess mezz. Illum jeżistu bosta mezzi (l-aktar programmi ta' *software*) biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, imma l-esperjenza turi li mhux kollha huma magħrufa bl-istess mod mill-qarrejja tal-provi. F'din it-taqsima-studju jiġi spjegat kif jaħdmu dawn il-mezzi u l-vantaġġi tagħhom. Tiġi diskussa wkoll il-problema tal-karattri Maltin u l-inkompatibilità tas-sistemi eżistenti bejniethom. Permezz ta' għadd ta' sigħat fil-laboratorju tal-kompjuter, l-istudenti jiġu mħarrġa fil-qari tal-provi permezz tal-elettronika minn espert fit-teknoloġija tal-informazzjoni.

## MAL 1049
## Proġett Prattiku fil-Qari tal-Provi

Dan huwa proġett li permezz tiegħu jkun jista' jitkejjel ir-rendiment tal-istudenti fil-prattika. L-istudenti tingħatalhom biċċa xogħol ta' qari tal-provi ta' tul konsiderevoli u biha jridu juru: (1) kemm huma kompetenti fit-tiswija tat-test u t-tħejjija tiegħu għall-pubblikazzjoni, (2) li l-għażliet korrettivi tagħhom mhumiex arbitrarji imma msejsa fuq teorija u argumentazzjoni lingwistika ċara u korretta. Għalhekk, barra mill-korrezzjoni tal-provi, l-istudenti jridu jipproduċu notamenti li jissostanzjaw u jirfdu kull korrezzjoni li jkunu għamlu.



# X'qed jistaqsu fuq il-kors

## Xi kwalifiki jrid ikolli biex napplika?

Jiddependi mill-età tiegħek:

a) **Jekk għadek ma għalaqtx it-23 sena,** irid ikollok dak li normalment jitolbu minnek ir-Regolamenti għad-Dħul fl-Università ta' Malta www.um.edu.mt/registrar/regulations u trid tkun għaddejt mill-Matrikola Avvanzata tal-Malti mill-inqas bil-grad C.

b) **Jekk għalaqt it-23 sena,** inti tikkwalifika bħala applikant matur, u ma jkunux mistennija minnek kwalifiki partikolari, imma ssirlek intervista minn bord apposta li jistħarreġ jekk għandekx it-tħejjija meħtieġa u d-dispożizzjoni xierqa biex tkun tista' ssegwi l-kors bi profitt.

## Jien ma nużahx il-kompjuter. Dan jaffettwani fl-istudju?

Iva. L-esperjenza turina li min ma jafx jużа xi ftit il-kompjuter isib diffikultà biex ikompli l-kors għax ħafna mill-komunikazzjoni mal-istudenti ssir bil-posta elettronika. Għalhekk la jkun jista' jikkoreġi s-siltiet li nibagħtulu d-dar u lanqas jieħu sehem fid-diskussjonijiet li jsiru fuq l-internet.

## X'se jkunu l-ġranet u l-ħinijiet tal-kors?

Il-lezzjonijiet ikunu darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis, mill-5:30pm sat-8:30pm.

## Jiena qed nagħmel kors ieħor l-Università. Nista' napplika għal dan il-kors ukoll?

Ir-regolamenti tal-Università jgħidu li min qed jagħmel xi kors universitarju ieħor, *part-time* jew *full-time*, xorta jista' jagħmel kors *part-time* bħal dan.

## Meta rrid napplika? U kif?

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sal-14 ta' Jannar 2011. Il-formola tal-applikazzjoni tista' timlieha mill-internet: www.um.edu.mt/apply
Għal tagħrif ieħor fuq l-applikazzjoni, żur www.um.edu.mt/registrar/students/admissions/application-instructions

## Kemm jiswa l-kors, u meta rrid inħallas?

Il-kors kollu jiswa €400 (jiġifieri €200 kull semestru). Dan il-ħlas jista' jsir separat għal kull semestru. L-ewwel ħlas isir fil-bidu tal-kors, meta tirċievi l-avviż li ntgħażilt.

## X'ċertifikat nikseb jekk jirnexxili ntemm il-kors b'suċċess?

Min jgħaddi mill-kors jingħatawlu:

a) **Ċertifikat** mill-Università ta' Malta, u

b) **Xhieda ta' Għarfien** *(warrant)* mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, u ismu/isimha jidher fis-sit elettroniku tal-Kunsill. Ix-Xhieda tiġġedded b'kors qasir ta' aġġornament kull 5 snin.

Dan il-kors jinfirex fuq sena u se jibda fl-14 ta' Frar 2011. Il-lezzjonijiet se jsiru darbtejn fil-ġimgħa, tliet sigħat kull darba. Il-kors huwa ideali għal dawk kollha li jużaw il-Malti fil-pubblikazzjonijiet, bħalma huma:

- il-ħaddiema tad-dipartimenti tal-Gvern
- l-impjegati tal-banek
- in-nies tax-xandir (gazzetti u televixin)
- is-segretarji tal-Kunsilli Lokali
- l-edituri tal-fuljetti tal-parroċċi
- it-tradutturi li qed jaħdmu jew jixtiequ jaħdmu mal-Unjoni Ewropea.

Il-kors iwassal għal Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti u huwa organizzat mill-Università ta' Malta bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Se jkun kors serju – Ċertifikat ta' veru. Min jidħol għalih irid jaħdem ħafna, imma fl-aħħar għandu jkun kburi bir-riżultat li jikseb.

**Omar Grech**
student tal-kors 2009-2010



"Għalija dan il-kors kien qisu ċavetta li biha ftaħt il-bibien tal-għarfien tal-Malti. Fih tgħallimt ħafna u ttawwalt f'oqsma tal-Malti li qatt ma kelli l-opportunità nkun naf dwarhom qabel. It-tagħlim huwa varjat u l-ambjent pjaċevoli. Nirrakkomandah lil kull min jixtieq jissoda fil-lingwa Maltija, u speċjalment lil min f'xogħlu juża l-Malti regolarment."

Direttur tal-Kors: Prof. Manwel Mifsud • Koordinatur: Olvin Vella

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

Tista' ċċempel l-Università 2340 2811, 2340 2234 jew 2340 3233
Mistoqsijiet fuq il-kors: provi-malti.arts@um.edu.mt
Mistoqsijiet fuq l-applikazzjoni: applyonline@um.edu.mt